32006D0803

L 329/38 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 25.11.2006

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Novembru 2006

## li temenda d-Deċiżjoni 2005/381/KE li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rapportaġġ dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE

*(notifikat bid-dokument numru C(2006) 5546)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2006/803/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabblixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,

Billi:

(1) Il-kwestjonarju stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/381/KE ([2]) għandu jiġi aġġustat fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fl-użu tal-kwestjonarju u fil-valutazzjoni tar-risposti għall-kwestjonarju għat-tfassil tar-rapporti annwali li kienu dovuti sat-30 ta' Ġunju 2005.

(2) Ir-risposti ta' l-Istati Membri identifikaw oqsma rilevanti għar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li għadhom mhumiex inklużi fil-kwestjonarju stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni 2005/381/KE.

(3) Il-valutazzjoni tar-risposti ta' l-Istati Membri wriet illi xi mistoqsijiet ma ġewx imwieġba b'mod konsistenti u kienet meħtieġa kjarifika ulterjuri.

(4) L-esperjenza miksuba matul l-ewwel ċiklu sħiħ ta' monitoraġġ, rapportaġġ u verifika ta' l-emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju minn installazzjonijet inklużi fl-iskema ta' skambju ta' emissjonijiet qajjmet il-ħtieġa li jiġu riveduti s-sezzjonijiet rilevanti tal-kwestjonarju.

(5) L-Anness tad-Deċiżjoni 2005/381/KE għandu għalhekk jiġi emendat skond dan u, għal finijiet ta' kjarezza, għandu jiġi mibdul.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/692/KEE tat-23 ta' Diċembru 1991 biex tistandardizza u tirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti Direttivi fuq l-ambjent ([3]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni 2005/381/KE huwa mibdul bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 23 ta' Novembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*
Stavros DIMAS
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2004/101/KE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 18).

([2]) ĠU L 126, 19.5.2005, p. 43.

([3]) ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

*ANNESS*

*"ANNESS*

PARTI 1

**KWESTJONARJU DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 2003/87/KE**

1. **Id-Dettalji ta' l-istituzzjoni li qed tippreżenta r-rapport**

1. L-isem tal-persuna ta' kuntatt:

2. It-titlu uffiċjali tal-persuna ta' kuntatt:

3. L-isem u d-dipartiment ta' l-organizzazzjoni:

4. L-indirizz:

5. In-numru internazzjonali tat-telefon:

6. In-numru internazzjonali tat-*telefax*:

7. E-mail:

2. **L-awtoritajiet kompetenti**

*Għandhom jingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet u fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta' Ġunju 2007 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru xi bidliet matul il-perjodu ta' rapportaġġ.*

2.1. Jekk jogħġbok agħti l-isem u t-taqsira ta' l-awtoritajiet kompetenti li huma involuti fl-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' skambju ta' l-emissjonijiet fil-pajjiż tiegħek.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Isem | Taqsira | Dettalji tal-kuntatt |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

2.2. Jekk jogħġbok indika liema awtorità kompetenti hija responsabbli għal kull kompitu elenkat fit-tabella hawn taħt billi tuża t-taqsiriet tagħhom.

| Jekk jogħġbok indika t-taqsira ta' l-awtorità kompetenti li hija inkarigata mill-kompiti li ġejjin: | |
|---|---|
| Il-ħruġ ta' permessi | |
| L-allokazzjoni ta' kwoti | |
| Il-ħruġ ta' kwoti | |
| Il-validazzjoni tal-metodoloġija għall-monitoraġġ | |

| | |
|---|---|
| L-irċevuta u s-superviżjoni ta’ rapporti vverifikati ta’ emissjonijiet | |
| L-akkreditazzjoni ta’ dawk li jwettqu l-verifika | |
| Ir-reġistru | |
| Il-konformità u l-infurzar | |
| Il-ħruġ ta’ ERU bħala pajjiż ospitanti | |
| L-approvazzjoni ta’ l-użu ta’ CERs & ERUs għall-konformità | |
| L-amministrazzjoni tar-riżerva għall-applikanti l-ġodda | |
| L-informazzjoni lill-pubbliku | |
| L-irkant | |
| L-amministrazzjoni ta’ *opt-ins* | |
| L-amministrazzjoni ta’ għaqdiet | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

3. **Il-kopertura ta’ attivitajiet u installazzjonijiet**

3.1. Kemm mill-installazzjonijiet ta’ kombustjoni għandhom input termali ratat li jeċċedi l-20 MW iżda li hu inqas minn 50 MW fil-31 ta’ Diċembru tas-sena ta’ rapportaġġ? B’kollox, kemm kienu emessi ekwivalenti ta’ $CO_2$ minn dawn l-installazzjonijiet fil-perjodu ta’ rapportaġġ?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| | Numru | Sehem min-numru totali ta’ installazzjonijiet jew emissjonijiet |
|---|---|---|
| In-numru ta’ installazzjonijiet b’input termali ratat li jeċċedi l-20 MW iżda li hu inqas minn 50 MW | | |
| L-ekwivalenti ta’ $CO_2$ emessi minn dawk l-installazzjonijiet | | |

3.2. X’bidliet saru matul il-perjodu ta’ rapportaġġ meta mqabbla mat-tabella tal-pjan nazzjonali ta’ l-allokazzjoni (tabella NAP) kif imdaħħla fir-Reġistru Komunitarju Indipendenti tat-Tranżazzjonijiet fl-1 ta’ Jannar tas-sena ta’ rapportaġġ (applikanti ġodda, għeluq, installazzjonijiet li jaqgħu taħt il-limiti tal-kapaċità)?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-Tabella 1 tal-Parti 2 ta’ dan l-Anness.*

3.3. Matul il-perjodu ta’ rapportaġġ l-awtorità kompetenti rċeviet xi applikazzjoni(jiet) mingħand operaturi li jixtiequ jingħaqdu flimkien skond l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2003/87/KE (id-Direttiva ET)? Jekk iva, għal-liema mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE (minn hawn ’il quddiem — ‘Attivitajiet ta’ l-Anness I’) kienet tirreferi l-applikazzjoni u ġiet iffurmata l-għaqda?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| | Attivitajiet prinċipali ta' l-Anness I ([a]) | Numru ta' applikazzjonijiet riċevuti | Numru ta' għaqdiet iffurmati |
|---|---|---|---|
| | **Attivitajiet ta' enerġija** | | |
| E1 | Installazzjonijiet ta' kombustjoni b'input termali ratat li jeċċedi l-20 MW (minbarra installazzjonijiet għall-iskart perikoluż jew muniċipali) | | |
| E2 | Raffineriji taż-żejt minerali | | |
| E3 | Fran tal-faħam | | |
| | **Produzzjoni u pproċessar ta' metalli tal-ħadid** | | |
| F1 | Installazzjonijiet li jsaħħnu jew jgħaqqdu l-minerali tal-metall (inkluż il-metall tas-sulfid) | | |
| F2 | Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' ħadid mill-forġa jew ta' l-azzar (fużjoni primarja jew sekondarja) inkluż ikkastjar kontinwu, b'kapaċità ta' iktar minn 2,5 tunnellata metrika fis-siegħa | | |
| | **Industrija minerali** | | |
| M1 | Installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' siment *clinker* fi fran li jduru b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-500 tunnellata metrika kuljum jew ġir fi fran li jduru b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-50 tunnellata metrika kuljum jew fi fran oħra b'kapaċita' ta' produzzjoni li teċċedi l-50 tunnellata metrika kuljum | | |
| M2 | Installazzjonijiet għall-manifattura ta' ħġieġ inklużi fibri tal-ħġieġ b'kapaċità ta' tidwib li teċċedi l-20 tunnellata metrika kuljum | | |
| M3 | Installazzjonijiet għall-manifattura bin-nar ta' prodotti taċ-ċeramika, b'mod partikolari madum tal-bjut, knaten, knaten tat-tip *refractory*, madum, oġġetti tal-ġebel jew tal-porċellana, b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-75 tunnellata metrika kuljum, u/jew b'kapaċita' tal-forn ta' iktar minn 4 $m^3$ u b'densità issettjata għal kull forn ta' iktar minn 300 $kg/m^3$ | | |
| | **Attivitajiet oħra** | | |
| | Impjanti industrijali għall-produzzjoni ta' | | |
| O1 | (a) polpa mill-injam jew minn materjali fibrużi oħra | | |
| O2 | (b) karta u kartun b'kapaċità ta' produzzjoni li teċċedi l-20 tunnellata metrika kuljum | | |

([a]) Jekk installazzjoni twettaq aktar minn attività waħda, jekk jogħġbok għodd l-installazzjoni darba waħda biss skond l-attività ta' l-Anness I prinċipali tagħha.

3.4. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra li tikkonċerna l-kopertura ta' installazzjonijiet u attivitajiet fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 4. Il-ħruġ ta' permessi għall-installazzjonijiet

*Għandhom jingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet sa fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta' Ġunju 2007 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikun hemm xi bidliet matul il-perjodu ta' rapportaġġ.*

4.1. Liema miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li l-operaturi jħarsu r-rekwiżiti tal-permessi tagħhom għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra?

*Nota: Multi u pieni li jistgħu jiġu imposti fil-każ ta' vjolazzjonijiet m'għandhomx jiġu rrapportati hawn iżda fis-sezzjoni.*

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Liema minn dawn il-miżuri huma applikati fil-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
|---|---|
| Il-kont jiġi bblokkat fil-każ ta' irregolaritajiet | Iva/Le |
| Il-bejgħ jiġi pprojbit fil-każ ta' irregolaritajiet | Iva/Le |
| L-irtirar tal-permess; is-sospensjoni ta' l-installazzjoni | Iva/Le |
| Kontrolli jew spezzjonijiet każwali jew regolari mill-amministrazzjoni | Iva/Le |
| Stimi konservattivi ta' emissjonijiet fil-każ ta' rapporti ta' l-emissjonijiet neqsin | Iva/Le |
| Il-korpi li jwettqu l-verifika jikkontrollaw il-ħarsien tal-kondizzjonijiet tal-permess | Iva/Le |
| Laqgħat regolari ma' l-industrija u ma' l-assoċjazzjonijiet sabiex jiġu diskussi kwistjonijiet rilevanti | Iva/Le |
| Il-forniment ta' mudelli u gwida speċifiċi għar-rapportaġġ | Iva/Le |
| Sistema ta' '*naming and shaming*' ta' operaturi li ma jħarsux il-kondizzjonijiet | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

4.2. Fejn tkun involuta aktar minn awtorità kompetenti waħda, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kif tiżgura l-koordinazzjoni sħiħa tal-kondizzjonijiet u tal-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi? Din il-koordinazzjoni kif taħdem fil-prattika?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin tapplika għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
|---|---|
| Aktar minn awtorità kompetenti waħda | Iva/Le |
| Jekk iva, jekk jogħġbok wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin: | |
| Il-kooperazzjoni hija rregolata espliċitament b'liġi jew b'regolament | Iva/Le |
| Ġiet stabbilita kummissjoni jew grupp ta' ħidma jew koordinazzjoni b'laqgħat regolari | Iva/Le |
| Nota ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-liġi nazzjonali dwar l-iskambju tal-kwoti ta' l-emissjonijiet | Iva/Le |
| Grupp ta' interpretazzjoni għall-kjarifika ta' kwistjonijiet ambigwi | Iva/Le |
| Il-koordinazzjoni ta' atti amministrattivi minn awtorità ċentrali waħda | Iva/Le |
| Korsijiet ta' taħriġ sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

4.3. F'każijiet fejn l-installazzjonijiet iwettqu attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 96/61/KE (id-Direttiva IPPC) ([1]) x'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-ħruġ ta' permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra jiġu kkoordinati ma' dawk għall-permess previst f'dik id-Direttiva? Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5, 6 u 7 tad-Direttiva 2003/87/KE ġew integrati fil-proċeduri stabbiliti fid-Direttiva 96/61/KE? Jekk iva, kif twettqet din l-integrazzjoni?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| | |
|---|---|
| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin tapplika għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
| Ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5-7 tad-Direttiva 2003/87/KE ġew trasposti b'leġiżlazzjoni nazzjonali | Iva/Le |
| Il-liġi li tittrasponi d-Direttiva IPPC ma tinkludix limiti ta' emissjonijiet jew ta' konċentrazzjoni ta' $CO_2$ | Iva/Le |
| Proċedura integrata għall-għoti ta' permessi skond id-Direttiva IPPC u d-Direttiva ET | Iva/Le |
| Permessi separati għad-Direttivi IPPC u ET | Iva/Le |
| L-għoti ta' permess IPPC jeħtieġ permess validu għall-iskema ta' skambju ta' kwoti ta' l-emissjonijiet (ETS) | Iva/Le |
| L-għoti ta' permess ETS jeħtieġ permess IPPC validu | Iva/Le |
| Ir-regolaturi ta' l-IPPC jikkontrollaw jekk hux meħtieġ permess ETS u jinforma lir-regolaturi ETS | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

4.4. X'inhuma d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, il-proċeduri u l-prattika fir-rigward ta' l-aġġornament tal-kondizzjonijiet għall-permessi mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/87/KE?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| | |
|---|---|
| Jekk jogħġbok irreferi għad-dispożizzjoni legali li tittrasponi l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/87/KE | |
| Liema mid-dispożizzjonijiet, proċeduri u prattiki li ġejjin japplikaw għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
| Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għal bidliet fit-tip ta' installazzjoni jew fil-mod ta' l-operazzjoni | Iva/Le |
| Hija meħtieġa awtorizzazzjoni għal bidliet fil-metodolġija tal-monitoraġġ | Iva/Le |
| Il-bidliet għandhom jiġu nnotifikati minn qabel | Iva/Le |
| L-għeluq għandu jiġi nnotifikat immedjatament | Iva/Le |

([1]) ĠU L 257, 10.10.1996, p. 26. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

| | |
|---|---|
| Hemm piena f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' talba għall-aġġornament tal-metodoloġija għall-monitoraġġ | Iva/Le |
| Il-bidla ta' l-operatur teħtieġ aġġornament tal-permess | Iva/Le |
| Bidliet inqas sinifikanti jiġu rreġistrati | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

4.5. Kemm-il permess ġie aġġornat matul il-perjodu ta' rapportaġġ minħabba bidla mill-operaturi fin-natura jew fil-funzjonament, jew l-estensjoni, ta' installazzjonijiet kif speċifikat fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/87/KE? Jekk jogħġbok agħti n-numru ta' permessi li ġew aġġornati għal kull kategorija (żieda fil-kapaċità, tnaqqis fil-kapaċità, bidla fit-tip ta' proċess, eċċ.).

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Jekk jogħġbok agħti n-numru ta' bidliet fkull kategorija: | |
|---|---|
| **Bidliet totali** | |
| Imħassra | |
| Ċeduti | |
| Trasferiti | |
| Żieda fil-kapaċità | |
| Tnaqqis fil-kapaċità | |
| Bidliet fid-dettalji tal-monitoraġġ u tar-rapportaġġ | |
| Bidla fl-isem ta' l-installazzjoni jew ta' l-operatur | |
| Emenda mhux sinifikanti | |
| Notifika ta' bidliet mingħajr aġġornament tal-permess | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

4.6. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra dwar il-ħruġ ta' permessi għal installazzjonijiet fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 5. L-applikazzjoni tal-linji ta' gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ

*Għandha tingħata tweġiba għall-mistoqsija fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta' Ġunju 2007, fl-ewwel rapport ta' kull perjodu ta' skambju u fir-rapporti sussegwenti jekk ikun hemm xi bidliet matul il-perjodu ta' rapportaġġ.*

5.1. Liema atti legali ġew adottati fil-pajjiż tiegħek sabiex jiġu implimentati linji ta' gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ? Il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż tiegħek tippermetti derogi ġenerali mil-linji ta' gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ, pereżempju għal fjuwils jew attivitajiet speċifiċi? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

5.2. Liema livelli ntużaw fil-metodoloġiji għall-monitoraġġ għall-installazzjonijiet prinċipali ta' emissjonijiet (cf. id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/156/KE [1])?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-Tabella 2 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness. L-informazzjoni meħtieġa fit-Tabella 2 hija meħtieġa biss għall-akbar installazzjonijiet koperti mid-Direttiva ET li jikkontribwixxu b'mod kumulattiv għal 50 % ta' l-emissjonijiet totali inklużi fl-iskema ta' skambju. Ma hija meħtieġa ebda informazzjoni għal sorsi ġewwa dawn l-installazzjonijiet b'emissjonijiet annwali ta' inqas minn 25 kt $CO_2$ eq.*

5.3. Jekk għall-metodoloġija tal-monitoraġġ ġew aċċettati livelli li huma taħt il-livelli minimi speċifikati fit-Tabella 1 fis-sezzjoni 4.2.2.1.4 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/156/KE, jekk jogħġbok indika għal kull installazzjoni li għaliha seħħet din is-sitwazzjoni il-kopertura ta' l-emissjonijiet, l-attività, il-kategorija tal-livell (*data* dwar l-attività, il-valur kalorifiku nett, il-fattur ta' l-emissjonijiet, il-fattur ta' l-ossidazzjoni jew il-fattur tal-konverżjoni) u l-approċċ/il-livell għall-monitoraġġ maqbul fil-permess.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-Tabella 3 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness. L-informazzjoni meħtieġa fit-Tabella 3 hija meħtieġa biss għal installazzjonijiet li mhumiex rapportati fil-mistoqsija. Derogi ġenerali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhom jiġu rapportati taħt il-mistoqsija.*

5.4. Liema installazzjonijiet applikaw temporanjament metodi ta' livell differenti minn dawk maqbula ma' l-awtorità kompetenti?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-Tabella 4 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness.*

5.5. F'kemm-il installazzjoni ġie applikat kejl kontinwu ta' l-emissjonijiet? Jekk jogħġbok indika n-numru ta' installazzjonijiet għal kull attività ta' l-Anness I u f'kull attività għal kull sub-kategorija fuq il-bażi ta' l-emissjonijiet annwali rapportati (inqas minn 50 kt, 50-500 kt u aktar minn 500 kt).

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-Tabella 5 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness.*

5.6. Kemm ġie trasferit $CO_2$ minn installazzjonijiet? Jekk jogħġbok indika n-numru ta' tunnellati ta' $CO_2$ li ġew trasferiti skond is-sezzjoni 4.2.2.1.2 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/156/KE u n-numru ta' installazzjonijiet li ttrasferew $CO_2$ għal kull attività elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| Attività prinċipali ta' l-Anness I | Numru ta' installazzjonijiet | $CO_2$ trasferit [kt $CO_2$] | Użu ta' $CO_2$ trasferit |
|---|---|---|---|
| E1 | | | |
| E2 | | | |
| E3 | | | |
| F1 | | | |
| F2 | | | |
| M1 | | | |
| M2 | | | |
| M3 | | | |
| O1 | | | |
| O2 | | | |

[1] ĠU L 59, 26.2.2004, p. 1.

5.7. Kemm kien hemm bijomassa fil-kombustjoni jew użata fi proċessi? Jekk jogħġbok indika l-kwantità ta' bijomassa kif definita fil-paragrafu 2(d) ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/156/KE fil-kombustjoni (TJ) jew użata (t jew $m^3$) għal kull attività elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| Attività prinċipali ta' l-Anness I | Bijomassa fil-kombustjoni [TJ] | Bijomassa użata [t] | Bijomassa użata [$m^3$] |
|---|---|---|---|
| E1 | | | |
| E2 | | | |
| E3 | | | |
| F1 | | | |
| F2 | | | |
| M1 | | | |
| M2 | | | |
| M3 | | | |
| O1 | | | |
| O2 | | | |

5.8. X'kienet il-kwantità totali ta' skart użat bħala fjuwil jew materjal għall-produzzjoni skond it-tip ta' skart? X'kienet il-kwantità totali ta' emissjonijiet $CO_2$ li rriżultaw skond it-tip ta' skart?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Tip ta' skart ([1]) | Kwantità użata/applikata [t] | Kwnatità użata/applikata [$m^3$] | Emissjonijiet $CO_2$ [t $CO_2$] |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |

5.9. Jekk jogħġbok issottometti kampjun ta' dokumenti ta' monitoraġġ u rapportaġġ minn xi installazzjonijiet temporanjament esklużi, jekk applikabbli.

*Għandha tingħata tweġiba għall-mistoqsija fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta' Ġunju 2007 u f'rapporti sussegwenti jekk ikun hemm bidliet matul il-perjodu ta' rapportaġġ:*

([1]) It-tip ta' skart għandu jiġi rrapportat bl-użu tal-klassifika fil-'Lista Komunitarja Ewropea ta' Skart' (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skond l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skond l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż.

5.10. X'miżuri ttieħdu sabiex jiġu kkoordinati r-rekwiżiti ta' rapportaġġ ma' kwalunkwe rekwiżit ta' rapportaġġ eżistenti sabiex jiġi mminimizzat il-piż tar-rapportaġġ fuq in-negozji?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
|---|---|
| Ir-rekwiżiti tar-rapportaġġ taħt l-ETS huma kkoordinati ma' rekwiżiti oħra ta' rapportaġġ | Iva/Le |
| Koordinazzjoni mal-kumpilazzjoni ta' l-inventarju tal-gassijiet serra skond il-UNFCCC (1) u d-Deċiżjoni 280/2004/KE | |
| Koordinazzjoni ma' l-EPER (2) | Iva/Le |
| Koordinazzjoni ma' l-IPPC | Iva/Le |
| Koordinazzjoni ma' l-NEC (3) | Iva/Le |
| Koordinazzjoni ma' l-LCP (4) | Iva/Le |
| Koordinazzjoni ma' l-EMEP (5) | Iva/Le |
| Koordinazzjoni ma' pattijiet volontarji | Iva/Le |
| Koordinazzjoni ma' skemi oħra ta' skambju (jekk jogħġbok speċifika) | Iva/Le |
| Id-*data* ET tista' tintuża mill-uffiċċju ta' l-istatistika | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

5.11. X'proċeduri jew miżuri ġew implimentati sabiex jittejbu l-monitoraġġ u r-rapportaġġ mill-operaturi?

5.12. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra li tikkonċerna l-applikazzjoni tal-linji ta' gwida dwar il-monitoraġġ u r-rapportaġġ fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 6. **L-arranġamenti għall-verifika**

*Għandha tingħata tweġiba għall-mistoqsija fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta' Ġunju 2007 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikun hemm bidliet matul il-perjodu ta' rapportaġġ.*

6.1. Jekk jogħġbok iddeskrivi l-qafas għall-verifika ta' l-emissjonijiet, b'mod partikolari r-rwol ta' l-awtoritajiet kompetenti u verifikaturi oħrajn u kwalunkwe rekwiżiti speċjali għal verifikaturi li huma diġà akkreditati f'pajjiż ieħor. Jekk jogħġbok ippreżenta dokumenti li jistabbilixxu l-kriterji għall-akkreditazzjoni tal-verifikaturi kif ukoll kwalunkwe gwida dwar il-verifika li tingħata lill-verifikaturi akkreditati u dokumenti li jistabbilixxu l-mekkaniżmi għas-superviżjoni u għall-assigurazzjoni tal-kwalità għall-verifikaturi, jekk dawn huma disponibbli.

(1) Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima
(2) Reġistru Ewropew ta' Emissjoni ta' Tniġġis (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/479/KE tas-17 ta' Lulju 2000), (ĠU L 192, 28.7.2000, p. 36).
(3) Limiti Nazzjonali ta' Emissjonijiet (Id-Direttiva 2001/81/KE), (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 22).
(4) Impjanti Kbar tal-Kombustjoni (Id-Direttiva 2001/80/KE), (ĠU L 309, 27.11.2001, p. 1).
(5) Programm Kooperattiv għall-Monitoraġġ u l-Valutazzjoni tat-Trażmissjoni fuq Distanza Kbira ta' Niġġiesa ta' l-Arja fl-Ewropa.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
|---|---|
| Il-verifikaturi indipendenti jistgħu jiġu akkreditati skond kriterji nazzjonali<br><br>(jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dokumenti rilevanti jew *link* ta' l-internet) | Iva/Le |
| Ġiet żviluppata gwida nazzjonali għall-verifika<br><br>(jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dokumenti rilevanti jew *link* ta' l-internet) | Iva/Le |
| Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali għall-verifika huma bbażati fuq EN45011 u EA-6/01 ([1]) | Iva/Le |
| Il-verifikaturi huma meħtieġa jirrakkomandaw titjib fil-monitoraġġ ta' l-installazzjoni | Iva/Le |
| L-awtorità kompetenti jew aġenzija oħra għandha d-dritt tikkontrolla r-rapporti verifikati ta' l-emissjonijiet | Iva/Le |
| L-awtorità kompetenti jew aġenzija oħra għandha d-dritt taġġusta r-rapport verifikat ta' l-emissjonijiet jekk jitqies li mhuwiex sodisfaċenti | Iva/Le |
| L-awtorità kompetenti jew aġenzija oħra tissorvelja lill-verifikaturi (inklużi kontrolli każwali, taħriġ, assigurazzjoni tal-kwalità u proċeduri għall-kontroll tal-kwalità) | Iva/Le |
| L-awtorità kompetenti għandha d-dritt taħtar verifikatur għal installazzjoni | Iva/Le |
| Il-verifikaturi akkreditati fi Stat Membru ieħor huma soġġetti għal proċess ieħor ta' akkreditazzjoni | — Le<br><br>— Le, rekwiżiti formali biss (reġistrazzjoni, eċċ)<br><br>— Le għal verifikaturi akkreditati fi Stat Membru li japplika kriterji simili<br><br>— Iva, rekwiżiti simplifikati<br><br>— Iva, hija meħtieġa akkreditazzjoni sħiħa (jekk iva, jekk jogħġbok iġġustifika fil-qosor) |
| Huwa meħtieġ għarfien tal-lingwa u/jew tal-liġijiet/tar-regolamenti nazzjonali għal verifikaturi akkreditati fi Stat Membru ieħor | Iva/Le |
| Huma stabbiliti proċeduri speċjali ta' QA/QC għal CA għal verifikaturi akkreditati fi Stat Membru ieħor | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

6.2. Kien hemm xi operatur li ssottometta rapport dwar l-emissjonijiet għall-perjodu ta' rapportaġġ li ma kienx ikkunsidrat sodisfaċenti sal-31 ta' Marzu? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti lista ta' l-installazzjonijiet konċernati u r-raġunijiet għala ma' ngħatatx dikjarazzjoni ta' verifika pożittiva.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-Tabella 6 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness. Il-każijiet fejn l-operaturi ma tawx rapport dwar l-emissjonijiet għandhom jiġu rapportati taħt il-mistoqsija.*

6.3. Għal kemm-il installazzjoni ma ngħatawx rapporti dwar l-emissjonijiet għall-perjodu ta' rapportaġġ sal-31 ta' Marzu? Jekk jogħġbok indika n-numru ta' installazzjonijiet, kwoti allokati u kwoti blokkati fil-kontijiet ta' depożitu ta' l-operaturi għal kull attività ta' l-Anness I u f'kull attività għal kull sub-kategorija fuq il-bażi ta' l-emissjonijiet annwali rapportati (inqas minn 50 kt, 50-500 kt u aktar minn 500 kt).

([1]) Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni (EA) Gwida dwar l-applikazzjoni ta' EN 45011.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-Tabella 7 tal-Parti 2 ta' dan l-Anness.*

6.4. Liema miżuri ttieħdu f'każijiet fejn l-operaturi ma tawx rapport dwar l-emissjonijiet sal-31 ta' Marzu tal-perjodu ta' rapportaġġ?

6.5. L-awtorità kompetenti wettqet xi kontrolli indipendenti fuq rapporti verifikati? Jekk iva, jekk jogħġbok iddeskrivi kif twettqu l-kontrolli addizzjonali u/jew kemm-il rapport ġie kkontrollat.

6.6. L-awtorità kompetenti tat struzzjonijiet lill-amministratur tar-reġistru sabiex jikkoreġi l-emissjonijiet annwali vverifikati għas-sena preċedenti għal xi installazzjoni(jiet) sabiex tiżgura l-ħarsien tar-rekwiżiti dettaljati stabbiliti mill-Istati Membri skond l-Anness V tad-Direttiva 2003/87/KE?

*Indika kwalunkwe korrezzjoni fit-Tabella 6 tal-Parti 2.*

6.7. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra dwar l-arranġamenti għall-verifika fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 7. L-operazzjoni tar-reġistri

*Għanda tingħata tweġiba għall-mistoqsija fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta' Ġunju 2007 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikun hemm bidliet matul il-perjodu ta' rapportaġġ:*

7.1. Jekk jogħġbok agħti kwalunkwe kondizzjoni li tridu tiġi ffirmata minn dawk li għandhom kont u agħti deskrizzjoni tal-kontroll ta' l-identità ta' persuni li jitwettaq qabel ma jinħolqu kontijiet ta' depożitu (cf. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2216/2004) (1).

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| | |
|---|---|
| Jekk jogħġbok agħti l-*link* għar-reġistru tiegħek | |
| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
| Ġew stabbiliti kondizzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu ffirmati minn dawk li għandhom kont<br><br>(jekk iva, jekk jogħġbok agħti dokumenti rilevanti jew *links*) | Iva/Le |
| Huma applikati kontrolli ta' l-identità differenti għal operaturi u individwi | Iva/Le |
| Hija meħtieġa l-preżenza fiżika għal kontrolli ta' l-ID għal residenti ta' l-Istat Membru (2) | Operaturi/Individwi/It-tnejn/Le |
| Kontrolli ta' l-ID permezz ta' proċedura bil-miktub għal residenti biss (3) | Operaturi/Individwi/It-tnejn/Le |
| Hija meħtieġa l-preżenza personali għal kontrolli ta' l-ID għal residenti ta' pajjiżi oħra (4) | Operaturi/Individwi/It-tnejn/Le |
| Kontrolli ta' l-ID permezz ta' proċedura bil-miktub għal residenti ta' pajjiżi oħra biss (3) | Operaturi/Individwi/It-tnejn/Le |
| Hija meħtieġa kopja tar-reġistru tal-kumpanija jew dokumentazzjoni simili sabiex jinfetaħ kont ta' depożitu għal operatur? | Iva/Le |
| Hija meħtieġa dokumentazzjoni li turi d-dritt ta' rappreżentanza tal-kumpanija sabiex jinfetaħ kont ta' depożitu għal operatur? | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

(1) ĠU L 386, 29.12.2004, p. 1.
(2) Dawn jinkludu kontrolli ta' l-ID minn partijiet terzi bħal uffiċji tal-posta jew nutara fejn l-applikant għandu jippreżenta lilu nnifsu personalment.
(3) Dawn jinkludu proċeduri elettroniċi.
(4) Dawn jinkludu kontrolli ta' l-ID minn partijiet terzi bħal ambaxxati fejn l-applikant għandu jippreżenta lilu nnifsu personalment.

7.2. Jekk jogħġbok agħti sommarju ta' l-allarmi kollha tas-sigurtà rilevanti għar-reġistru nazzjonali li seħħu matul il-perjodu ta' rapportaġġ, kif ġew indirizzati u ż-żmien li ttieħed sakemm ġew solvuti.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
|---|---|
| Proċeduri ġenerali stabbiliti sabiex jiġu evitati l-allarmi tas-sigurtà | Iva/Le |
| Seħħu allarmi tas-sigurtà rilevanti għar-reġistri nazzjonali matul il-perjodu ta' rapportaġġ | Iva/Le |

Jekk iva, jekk jogħġbok imla t-tabella li ġejja

| Tip ta' allarm tas-sigurtà | Numru ta' drabi li seħħu | Azzjoni li ttieħdet | Ħin meħtieġ għar-riżoluzzjoni |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

7.3. Jekk jogħġbok indika għal kemm-il minuta f'kull xahar tal-perjodu ta' rapportaġġ ir-reġistru nazzjonali ma kienx disponibbli għall-utenti tiegħu (a) minħabba waqfien skedat, u (b) minħabba problemi mhux previsti.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| Xahar | Waqfien skedat [minuti] | Waqfien mhux skedat [minuti] |
|---|---|---|
| Jannar | | |
| Frar | | |
| Marzu | | |
| April | | |
| Mejju | | |
| Ġunju | | |
| Lulju | | |
| Awissu | | |
| Settembru | | |
| Ottubru | | |
| Novembru | | |
| Diċembru | | |

7.4. Jekk jogħġbok elenka u agħti dettalji dwar kull titjib tar-reġistru nazzjonali skedat għall-perjodu ta’ rapportaġġ li jmiss.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-pajjiż tiegħek (żid test ta’ spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
|---|---|
| Perjodi ta’ ħin regolari allokati għall-manteniment u t-titjib tar-reġistru<br><br>(jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dati) | Iva/Le |
| Ir-reġistru se jiġi mtejjeb flimkien ma’ titjib tas-sistema ta’ softwer użata | Iva/Le |
| Jekk jogħġbok agħti dettalji tat-titjib kollu skedat għall-perjodu ta’ rapportaġġ li jmiss | |
| Data | Għan |
| | |
| | |
| | |

7.5. Hemm xi informazzjoni oħra rilevanti dwar l-operazzjoni tar-reġistri fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 8. Arranġamenti għall-allokazzjoni ta’ kwoti — applikanti ġodda — għeluq

*Għandhom jingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet u fl-ewwel rapport wara kull proċedura ta’ notifika u allokazzjoni stabbilita fl-Artikoli 9 u 11 tad-Direttiva 2003/87/KE.*

8.1. Fid-dawl tal-proċess ta’ allokazzjoni li tlesta, jekk jogħġbok iddeskrivi l-lezzjonijiet prinċipali li tgħallmu l-awtoritajiet tiegħek, u kif taħseb li dawn se jinfluwenzaw l-approċċ tiegħek għall-proċess ta’ allokazzjoni li jmiss.

8.2. Għandek xi suġġerimenti għat-titjib tal-proċessi futuri tan-notifika u ta’ l-allokazzjoni għall-Kommunità kollha?

8.3. Kemm ġew allokati kwoti għall-applikanti l-ġodda elenkati fit-Tabella 1, jekk kien hemm? Jekk jogħġbok agħti l-kodiċi ta’ l-identifikazzjoni ta’ l-installazzjoni għall-applikant il-ġdid u l-kodiċi ta’ l-identifikazzjoni tat-transazzjoni assoċjat ma’ l-allokazzjoni ta’ kwoti.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-Tabella 1 tal-Parti 2 ta’ dan l-Anness.*

8.4. Kemm kien fadal kwoti fir-riżerva ta’ xi applikant ġdid fl-aħħar tal-perjodu ta’ rapportaġġ, u x’sehem jirrappreżentaw tar-riżerva oriġinali?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| | |
|---|---|
| Numru ta’ kwoti li fadal fir-riżerva ta’ l-applikanti l-ġodda fl-aħħar tal-perjodu ta’ rapportaġġ (il-31 ta’ Diċembru ta’ kull sena) | |
| Sehem ta’ kwoti li fadal fir-riżerva ta’ l-applikanti l-ġodda, bħala perċentwali | |

8.5. Jekk l-Istat Membru tiegħek jalloka kwoti b'mod ieħor milli bla ħlas, jekk jogħġbok spjega kif issir din l-allokazzjoni (pereżempju l-mod kif jitwettaq l-irkant)?

8.6. Jekk intuża l-irkant bħala metodu ta' allokazzjoni, min ingħata permess jipparteċipa fl-irkant?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| | |
|---|---|
| Operaturi nazzjonali biss | Iva/Le |
| Dawk li għandhom kont tar-reġistru nazzjonali biss | Iva/Le |
| L-operaturi tal-Komunità kollha | Iva/Le |
| L-offerenti kollha li għandhom kont f'reġistru Komunitarju | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

8.7. Jekk intuża l-irkant bħala metodu ta' allokazzjoni, kemm saru rkanti matul il-perjodu ta' rapportaġġ, kemm ġew offerti kwoti għall-bejgħ matul kull irkant, x'sehem jirrappreżentaw mill-kwantità totali ta' kwoti għall-perjodu ta' skambju u x'kien il-prezz għal kull kwota f'kull irkant?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| | |
|---|---|
| Intuża l-irkant bħala metodu ta' allokazzjoni? | Iva/Le |
| Jekk iva, jekk jogħġbok irrispondi l-mistoqsijiet li ġejjin. | |
| In-numru ta' rkanti li saru matul il-perjodu ta' rapportaġġ (l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru) | |
| In-numru ta' kwoti offerti għall-bejgħ bl-irkant (kull irkant għalih) | |
| Il-prezz tal-bejgħ fl-irkant (kull irkant għalih) | |

8.8. Jekk intuża l-irkant bħala metodu ta' l-allokazzjoni, x'użu sar minn kwoti li ma nxtrawx fl-irkant(i)?

8.9. Jekk intuża l-irkant bħala metodu ta' l-allokazzjoni, kif intuża d-dħul?

8.10. Kif ġew trattati l-kwoti li kienu ġew allokati iżda li ma nħarġux lil installazzjonijiet li għalqu matul il-perjodu ta' rapportaġġ?

*Għandha tingħata tweġiba għall-mistoqsija fl-ewwel rapport wara li jispiċċaw il-perjodi ta' skambju stabbiliti fl-Artikolu 11(1) u (2) tad-Direttiva 2003/87/KE.*

8.11. Il-kwoti li kien fadal fir-riżerva ta' l-applikanti l-ġodda fl-aħħar tal-perjodu ta' skambju ġew ikkanċellati jew irkantati?

8.12. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra dwar l-arranġamenti għall-allokazzjoni, għall-applikanti l-ġodda u għall-għeluq fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

9. **Iċ-ċessjoni ta' kwoti minn operaturi**

9.1. Fil-każijiet kollha fejn ingħalaq kont fir-reġistru minħabba li ma kien hemm ebda prospett raġonevoli li jiġu ċeduti aktar kwoti mill-operatur ta' l-installazzjoni, jekk jogħġbok iddeskrivi għaliex ma kien hemm ebda prospett raġonevoli ulterjuri u ddikjara l-ammont tal-kwoti pendenti ([1]).

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Raġuni għall-għeluq tal-kont | Kwantità ta' kwoti pendenti [kt $CO_2$ eq] |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

9.2. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra dwar iċ-ċessjoni ta' kwoti mill-operaturi fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

10. **L-użu ta' Units ta' Tnaqqis f'Emissjonijiet (ERUs) u Tnaqqis f'Emmisjonijiet Ċertifikati (CERs) fl-iskema tal-Komunità**

*Għandha tingħata tweġiba għall-mistoqsija kull sena b'effett mir-rapport ippreżentat fl-2006 fir-rigward ta' CERs u b'effett mir-rapport ippreżentat fl-2009 fir-rigward ta' ERUs:*

10.1. Inħarġu ERUs u CERs li għalihom kellu jitħassar numru ekwivalenti ta' kwoti skond l-Artikolu 11(b)(3) jew (4) tad-Direttiva 2003/87/KE minħabba li l-attivitajiet tal-proġetti ta' l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) jew tal-Mekkaniżmu għall-Iżvilupp Nadif (CDM) inaqqsu jew jillimitaw b'mod dirett jew indirett il-livell ta' emissjonijiet ta' l-installazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dik id-Direttiva? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti t-total tal-kwoti li tħassru u n-numru totali ta' operaturi konċernati b'mod separat għat-tħassir skond l-Artikolu 11(b)(3) u (4) ta' dik id-Direttiva.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| | Kwantità ta' kwoti mħassra | Numru ta' operaturi milquta |
|---|---|---|
| tħassir skond l-Artikolu 11(b)(3) | | |
| tħassir skond l-Artikolu 11(b)(4) | | |

*Għandhom jingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet u fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta' Ġunju 2007 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru bidliet matul il-perjodu ta' rapportaġġ:*

10.2. Liema CERs u ERUs jistgħu jintużaw għall-konformità fl-Istat Membru tiegħek? Jekk jogħġbok indika kwalunkwe kategorija ta' proġetti li hija eskluża minbarra dawk li huma diġà esklużi skond l-Artikolu 11(a)(3) tad-Direttiva 2003/87/KE (CERs u ERUs minn użu nukleari jew ta' l-art, tibdil fl-użu ta' l-art u attivitajiet ta' proġetti tal-foresterija).

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| | |
|---|---|
| Jistgħu jintużaw CERs u ERUs mill-kategoriji kollha ta' proġetti | Iva/Le |
| CERs u ERUs minn ċerti kategoriji ta' proġetti huma esklużi (jekk iva, jekk jogħġbok speċifika) | Iva/Le |

([1]) Jekk l-ammont ta' kwoti pendenti mhuwiex magħruf jekk jogħġbok agħti stima ta' kwoti pendenti fuq il-bażi ta' l-aħħar rapport verifikat dwar l-emissjonijiet, tal-kwoti li fadal fil-kont u informazzjoni oħra disponibbli lill-Awtorità Kompetenti.

10.3. X'miżuri ttieħdu sabiex jiġi żgurat li l-kriterji u l-linji ta' gwida internazzjonali rilevanti, inklużi dawk fir-Rapport Finali tal-Kummissjoni Dinjija dwar id-Digi (WCD) tas-sena 2000, se jiġu mħarsa matul l-iżvilupp ta' proġetti għall-produzzjoni ta' enerġija idro-elettrika b'kapaċità ta' ġenerazzjoni li teċċedi l-20MW?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ): | |
|---|---|
| Il-parteċipanti tal-proġett huma legalment obbligati li jħarsu l-linji ta' gwida WCD | Iva/Le |
| Il-ħarsien tal-linji ta' gwida WCD jiġi vverifikat (jekk iva, jekk jogħġbok indika l-awtorità rilevanti, pereżempju l-awtorità kompetenti jew l-Awtorità Nazzjonali Nominata) | Iva/Le |
| Għandhom jiġu mħarsa kriterji u linji ta' gwida oħrajn matul l-iżvilupp ta' proġetti għall-enerġija idro-elettrika (jekk iva, jekk jogħġbok agħti dokumenti rilevanti jew *links*) | Iva/Le |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

10.4. Hemm xi informazzjoni oħra rilevanti dwar l-użu ta' ERUs u CERs fl-iskema Komunitarja fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 11. Ħlasijiet u tariffi

*Għandhom jingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet sa biss fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta' Ġunju 2007 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikun hemm xi bidliet matul il-perjodu ta' rapportaġġ:*

11.1. L-operaturi huma mitluba jħallsu xi tariffi għall-ħruġ u l-aġġornament tal-permessi? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji dwar it-tariffi mitluba, id-dħul totali u l-użu tad-dħul.

11.2. L-operaturi huma mitluba jħallsu xi tariffi għall-ħruġ ta' kwoti? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti dettalji dwar it-tariffi mitluba, id-dħul totali u l-użu tad-dħul.

11.3. X'tariffi huma mitluba għall-użu tar-reġistru jekk hemm? Jekk jogħġbok agħti d-dettalji.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt.*

| Liema mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-pajjiż tiegħek (żid test ta' spjegazzjoni jekk meħtieġ)? | |
|---|---|
| Huwa mitlub il-ħlas ta' tariffi għall-użu tar-reġistru | Operaturi: Iva/Le<br>Individwi: Iva/Le |
| Huma stabbiliti tariffi differenti għall-operaturi u għall-individwi | Iva/Le |
| Tariffa għall-ftuħ ta' kont ([1]) | Operaturi: … € darba/kull perjodu ta' skambju<br>Individwi: … € darba/kull perjodu ta' skambju |
| Tariffa annwali għaż-żamma tal-kont ([2]) | Operaturi: …€ fis-sena<br>Individwi: …€ fis-sena |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | |

([1]) Indika l-perjodu rilevanti wkoll (darba/kull perjodu ta' skambju).

([2]) Jekk il-ħlas jiddependi fuq il-kwota jekk jogħġbok agħti l-ħlas minimu u massimu jekk applikabbli u l-formula rilevanti.

11.4. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra dwar il-ħlasijiet u t-tariffi fl-iskema Komunitarja fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 12. Kwistjonijiet relatati mad-Direttiva ET

*Għanda tingħata tweġiba għall-mistoqsija fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta’ Ġunju 2007 u fir-rapporti sussegwenti jekk isiru xi bidliet matul il-perjodu ta’ rapportaġġ:*

12.1. Jekk jogħġbok agħti d-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti u l-pieni għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali skond l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva ET.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| Tip ta’ ksur | Dispożizzjoni nazzjonali rilevanti | Multi [€] | | Priġunerija [xhur] | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | minimu | massimu | minimu | massimu |
| Operazzjoni mingħajr permess | | | | | |
| Ksur ta’ l-obbligi tal-monitoraġġ u tar-rapportaġġ | | | | | |
| Nuqqas ta’ notifika dwar tibdiliet fl-installazzjoni | | | | | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) | | | | | |

12.2. Fejn ġew imposti pieni skond l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva ET għal ksur ta’ dispożizzjonijiet nazzjonali, jekk jogħġbok agħti d-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti, iddeskrivi l-ksur fil-qosor u agħti l-pieni imposti.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt. Żid aktar ringieli jekk meħtieġa.*

| | | Piena imposta | |
|---|---|---|---|
| Ksur | Dispożizzjoni nazzjonali | Multi [€] | Priġunerija [xhur] |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

12.3. Jekk jogħġbok agħti l-ismijiet ta’ l-operaturi li fuqhom ġew imposti pieni għal emissjonijiet eċċessivi skond l-Artikolu 16(3) tad-Direttiva ET.

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, ikun biżżejjed li ssir referenza għall-pubblikazzjoni ta’ l-ismijiet skond l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva ET.*

12.4. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra relatata mal-ħarsien tad-Direttiva ET fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 13. In-natura legali tal-kwoti u t-trattament fiskali

*Għandhom jingħataw tweġibiet għall-mistoqsijiet sa biss fir-rapport li jrid jasal sat-30 ta‘ Ġunju 2007 u fir-rapporti sussegwenti jekk ikunu saru xi bidliet matul il-perjodu ta’ rapportaġġ:*

13.1. X'inhi n-natura legali ta' kwota (oġġett/strument finanzjarju) għall-finijiet ta' regolamentazzjoni finanzjarja?

13.2. X'inhu l-istatus legali mogħti lill-kwoti u lill-emissjonijiet għal finijiet ta' kontabilità?

13.3. Ġew stabbiliti jew adottati xi regoli speċifiċi dwar il-kontabilità għall-kwoti? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni qasira tagħhom.

13.4. It-tranżazzjonijiet tal-kwoti huma soġġetti għall-VAT?

13.5. Il-ħruġ ta' kwoti huwa soġġett għall-VAT?

13.6. Jekk l-Istat Membru tiegħek jalloka kwoti fuq ħlas, hija dovuta VAT fuq it-tranżazzjoni?

13.7. Huma soġġetti għal taxxa speċifika fuq id-dħul (pereżempju tariffi speċifiċi) il-profitti u t-telf minn tranżazzjonijiet ta' kwoti?

13.8. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra dwar in-natura legali tal-kwoti u trattament fiskali tagħhom fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 14. L-aċċess għall-informazzjoni skond l-Artikolu 17 tad-Direttiva ET

14.1. Fejn jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku d-deċiżjonijiet relatati ma' l-allokazzjoni tal-kwoti, l-informazzjoni dwar attivitajiet ta' proġetti li fihom jipparteċipa Stat Membru jew jawtorizza entitajiet privati jew pubbliċi sabiex jipparteċipaw, u r-rapporti dwar l-emissjonijiet meħtieġa skond il-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jinżammu mill-awtorità kompetenti?

*Sabiex twieġeb din il-mistoqsija, uża t-tabella hawn taħt:*

| Tip ta' informazzjoni | Informazzjoni disponibbli għall-pubbliku | Jekk l-informazzjoni hija disponibbli, fejn? | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Internet [1] | Pubblikazzjoni Uffiċjali [2] | Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika) |
| Regoli għall-allokazzjoni | Iva/Le/fuq talba biss | | | |
| Tabella NAP | Iva/Le/fuq talba biss | | | |
| Bidliet fil-lista ta' l-installazzjonijiet | Iva/Le/fuq talba biss | | | |
| Rapporti vverifikati dwar l-emissjonijiet | Iva/Le/fuq talba biss | | | |
| Attivitajiet ta' proġetti | Iva/Le/fuq talba biss | | | |
| Permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra | Iva/Le/fuq talba biss | | | |
| Informzzjoni meħtieġa skond l-Anness XVI tar-Regolament (KE) Nru 2216/2004 | Iva/Le/fuq talba biss | | | |
| Oħrajn (jekk jogħġbok speċifika): | | | | |

14.2. Hemm xi informazzjoni rilevanti oħra dwar l-aċċess għall-informazzjoni skond l-Artikolu 17 tad-Direttiva ET fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

## 15. Osservazzjonijiet oħra

15.1. Saru xi studji pubbliċi dwar l-implimentazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri ta' l-iskema Ewropea għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok agħti d-dokument, ir-referenza jew il-*link* ta' l-internet flimkien ma' deskrizzjoni ġenerali qasira ħafna ta' l-istudju.

15.2. Hemm xi kwistjonijiet partikolari dwar l-implimentazzjoni li jikkawżaw tħassib fil-pajjiż tiegħek? Jekk iva, jekk jogħġbok speċifika.

(1) Jekk jogħġbok agħti l-indirizz tas-sit fuq l-internet.
(2) Jekk jogħġbok agħti t-titlu.

PARTI 2

*Tabella 1*

**Bidliet fil-lista ta’ l-installazzjonijiet**

Stat Membru:

Perjodu ta’ rapportaġġ:

| A | B | C | D | E | F | G | H | I | J |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Installazzjoni | | Operatur | Attività prinċipali ta’ l-Anness I [a] | Attivitajiet oħra ta’ l-Anness I [a] | Attività prinċipali li mhix ta’ l-Anness I [b] | Il-bidla meta mqabbla ma’ installazzjonijiet inklużi fl-NAP [c] | Kwoti allokati jew maħruġa [d] | | Kodiċi għall-identifikazzjoni tat-tranżazzjoni [e] |
| Kodiċi ta’ l-ID tal-Permess | Kodiċi ta’ l-ID ta’ l-installazzjoni | Isem | | | | | Kwantità | Sena/Snin | |
| | | | | | | | | | |

([a]) L-istess installazzjoni tistà twettaq attivitajiet li jaqgħu taħt sub-intestaturi differenti. Għandhom jiġu indikati l-attivitajiet rilevanti kollha. Jekk jogħġbok uża l-kodiċi ta’ l-attivitajiet ta’ l-Anness I elenkati fit-Tabella tal-mistoqsija 3.3.

([b]) L-attività prinċipali f’installazzjoni tistà tkun attività li mhix ta’ l-Anness I. Jekk jogħġbok imla fejn hu rilevanti.

([c]) Jekk jogħġbok indika ‘applikant ġdid’, ‘għeluq’ jew ‘jaqa’ taħt il-limitu tal-kapaċità’.

([d]) Għal applikanti ġodda, jekk jogħġbok indika s-snin li għalihom ġiet allokata l-kwantità ta’ kwoti. Għall-għeluq, jekk jogħġbok indika l-kwoti maħruġa matul il-perjodu rimanenti ta’ skambju jekk applikabbli.

([e]) Għall-applikanti l-ġodda, jekk jogħġbok indika l-kodiċi assoċjat ma’ l-allokazzjoni tal-kwoti.

*Tabella 2*

**Il-metodi ta' monitoraġġ applikati (għal installazzjonijiet li flimkien jikkontribwixxu għal 50 % ta' l-emissjonijiet totali inklużi fl-iskema ta' skambju biss. Mhux meħtieġ li tiġi rrapportata informazzjoni għal sorsi ġewwa dawn l-installazzjonijiet b'emissjonijiet annwali ta' inqas minn 25 kt $CO_2$ eq.)**

Stat Membru:

Perjodu ta' Rapportaġġ:

| A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N | O | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Installazzjoni | | | | Sors ta' emissjonijeit | | | Livell magħżul ([e]) | | | | Valuri | | | | |
| Kodiċi ta' l-ID tal-permess | Kodiċi ta' l-ID ta' l-installazzjoni | Attività prinċipali ta' l-Anness I ([a]) | Emissjonijiet annwali totali ([b]) | Attività ta' l-Anness I ([c]) | Tip ta' fjuwil jew ta' l-attività ([d]) | Emissjonijiet relatati ([b]) | *Data* dwar l-attività | Fattur ta' l-emissjonijet | Valur kalorifiku nett | Fattur ta' l-ossidazzjoni | Fattur ta' l-emissjonijet | | Valur kalorifiku nett | | Fattur ta' l-ossidazzjoni |
| | | | t $CO_2$ | | | t $CO_2$ | Livell | Livell | Livell | Livell | Valur | Unità ([f]) | Valur | Unità ([g]) | % |
| | | | | | | | | | | | | | | | |

([a]) L-istess installazzjoni tistà twettaq attivitajiet li jaqgħu taħt sub-intestaturi differenti. L-attività prinċipali ta' l-Anness I għandha tiġi indikata. Jekk jogħġbok uża l-kodiċi ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I elenkati fit-Tabella tal-mistoqsija 3.3.
([b]) L-emissjonijiet verifikati jekk disponibbli, inkella l-emissjonijiet kif rapportati mill-operatur.
([c]) L-istess installazzjoni tista' twettaq attivitajiet li jaqgħu taħt sub-intestaturi differenti. Għal kull tip ta' fjuwil jew attività għandha tiġi indikata l-attività ta' l-Anness I. Jekk jogħġbok uża l-kodiċi ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I elenkati fit-Tabella 1.
([d]) Faħam iebes, gass naturali, azzar, ġir, eċċ. Jekk jogħġbok uża linja separata għal kull fjuwil jew attività jekk jitwettqu aktar minn fjuwil wieħed jew attività waħda fl-istess installazzjoni.
([e]) Għandha timtela' biss jekk jiġu maħduma l-emissjonijet.
([f]) kg $CO_2$/kWh, t $CO_2$/kg, eċċ.
([g]) kJ/kg, kJ/$m^3$, eċċ.

*Tabella 3*

**Metodi ta' monitoraġġ applikati għal installazzjonijiet li għalihom ma kienx fattibbli li jintużaw il-livelli minimi speċifikati fit-Tabella 1 tas-Sezzjoni 4.2.2.1.4 tad-Deċiżjoni 2004/156/KE**

Stat Membru:

Perjodu ta' Rapportaġġ:

| A | B | C | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Installazzjoni | | Emissjonijiet annwali totali | Parametru ta' monitoraġġ milqut ([b]) | Livell minimu skond l-MRG | Livell applikata | Raġuni għall-livell aktar baxxa ([c]) | L-livell aktar baxxa hija permessa sa ([d]) |
| Kodiċi ta' l-ID tal-permess | Kodiċi ta' l-ID ta' l-installazzjoni | Attività ta' l-Anness I ([a]) | t $CO_2$ | | Livell | Livell | | Xahar/sena |
| | | | | | | | | |

([a]) L-istess installazzjoni tista' twettaq attivitajiet li jaqgħu taħt sub-intestaturi differenti. Għandha tiġi indikata l-attività prinċipali. Jekk jogħġbok uża l-kodiċi ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I elenkati fit-Tabella tal-mistoqsija 3.3.

([b]) Jekk jogħġbok uża l-kodiċi li ġejjin: *data* dwar l-attività (AD), valur kalorifiku nett (NCV), fattur ta' l-emissjonijiet (EF), *data* dwar il-kompożizzjoni (CD), fattur ta' l-ossidazzjoni (OF), fattur ta' konverżjoni (CF). Jekk huma milquta bosta valuri f'xi installazzjoni, imla linja waħda għal kull valur.

([c]) Jekk jogħġbok uża l-kodiċi li ġejjin: teknikament mhux fattibbli, spejjeż għaljin b'mod li mhumiex raġonevoli, ohrajn (jekk jogħġbok speċifika).

([d]) Jekk l-livell aktar baxxa hija permessa għal żmien limitat biss, jekk jogħġbok agħti d-data. Inkella halli vojt.

*Tabella 4*

**Tibdil temporanju fil-metodu tal-monitoraġġ**

Stat Membru:

Sena ta' rapportaġġ:

| A | B | C | D | E | F | G | H | I | J |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Installazzjoni | | Attività ta' l-Anness I ([a]) | Emissjonijiet annwali totali | Parametru ta' monitoraġġ milqut ([b]) | Metodu oriġinali approvat | Metodu temporanju applikat | Raġuni għat-tibdil temporanju ([c]) | Perjodu ta' sospensjoni temporanja sakemm jerġa' japplika l-metodu tal-livell xierqa | |
| | | | | | | | | Bidu | Tmiem |
| Kodiċi ta' l-ID tal-permess | Kodiċi ta' l-ID ta' l-installazzjoni | | t $CO_2$ | | Livell | Livell | | Xahar/sena | Xahar/sena |
| | | | | | | | | | |

([a]) L-istess installazzjoni tista' twettaq attivitajiet li jaqgħu taħt sub-intestaturi differenti. Għandha tiġi indikata l-attività prinċipali. Jekk jogħġbok uża l-kodiċi ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I elenkati fit-Tabella tal-mistoqsija 3.3.

([b]) Jekk jogħġbok uża l-kodiċi li ġejjin: *Data* dwar l-Attività (AD), Valur Kalorifiku Nett (NCV), Fattur ta' l-Emissjonijiet (EF), *Data* dwar il-Kompożizzjoni (CD), Fattur ta' l-Ossidazzjoni (OF), Fattur ta' Konverżjoni (CF); jekk huma milquta bosta valuri f'xi installazzjoni, imla linja waħda għal kull valur.

([c]) Jekk jogħġbok uża l-kodiċi li ġejjin: Nuqqas fit-tagħmir tal-kejl (FMD), nuqqas temporanju ta' *data* (TLD), tibdil fl-installazzjoni, tip ta' fjuwil eċċ. (CIF), oħrajn (jekk jogħġbok speċifika).

*Tabella 5*

**Numru ta' installazzjonijiet li japplikaw kejl kontinwu ta' l-emissjonijiet**

Stat Membru:

Sena ta' rapportaġġ:

| A | B | C | D |
|---|---|---|---|
| Attività prinċipali ta' l-Anness I ([a]) | < 50 000 t $CO_2$e | 50 000 sa 500 000 t $CO_2$e | > 500 000 t $CO_2$e |
| E1 | | | |
| E2 | | | |
| E3 | | | |
| F1 | | | |
| F2 | | | |
| M1 | | | |
| M2 | | | |
| M3 | | | |
| O1 | | | |
| O2 | | | |

([a]) Jekk jogħġbok irreferi għat-Tabella fil-mistoqsija 3.3 għal deskrizzjoni tal-kodiċi ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I. Jekk xi installazzjoni twettaq aktar minn attività waħda, għandha tingħadd darba biss skond l-attività ta' l-Anness I prinċipali tagħha.

*Tabella 6*

**Rapporti dwar l-emissjonijiet skond l-Artikolu 14(3) tad-Direttiva ET mhux ivvalidati bħala sodisfaċenti**

Stat Membru:

Sena ta' rapportaġġ:

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Installazzjoni | | Emissjonijiet rapportati minn installazzjonijiet | Kwoti ċeduti | Kwoti bblokkati fil-kont ta' depożitu ta' l-operatur | Raġuni għan-nuqqas ta' dikjarazzjoni pożittiva ta' verifika [a] | Korrezzjoni ta' emissjonijiet ivverifikati mill-awtorità kompetenti |
| Kodiċi ta' l-ID tal-permess | Kodiċi ta' l-ID ta' l-installazzjoni | t $CO_2$ | t $CO_2$ | t $CO_2$ | | t $CO_2$ |
| | | | | | | |

([a]) Jekk jogħġbok uża l-kodiċi li ġejjin: id-*data* rrapportata mhix ħielsa minn inkonsistenzi u dikjarazzjonijiet żbaljati materjali (NFI), il-ġbir tad-*data* ma twettaqx skond l-istandards xjentifiċi applikabbli (NASS), ir-rekords rilevanti ta' l-installazzjoni mhumiex kompluti u/jew konsistenti (RNC), il-verifikatur ma ngħatax aċċess għas-siti u l-informazzjoni kollha relatati mas-suġġett tal-verifika (VNA), ma sar ebda rapport (NR), oħrajn (jekk jogħġbok speċifika).

### Tabella 7

*Installazzjonijiet li għalihom ma ngħataw ebda rapporti dwar l-emissjonijiet sal-31 ta' Marzu tal-perjou ta' rapportaġġ*

Stat Membru:

Perjodu ta' Rapportaġġ:

| A | B | C | D | E | F | G | H | I | J |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | < 50 000 t $CO_2$e | | | 50 000 to 500 000 t $CO_2$e | | | > 500 000 t $CO_2$e | | |
| Attività prinċipali ta' l-Anness I ([a]) | Numru ta' rapporti dwar l-emissjonijiet li ma ngħatawx | Allokazzjoni t $CO_2$ | Kwoti bblokkati f'kontijiet ta' depożitu ta' l-operaturi t $CO_2$ | Numru ta' rapporti dwar l-emissjonijiet li ma ngħatawx | Allokazzjoni t $CO_2$ | Kwoti bblokkati f'kontijiet ta' depożitu ta' l-operaturi t $CO_2$ | Numru ta' rapporti ta' emissjonijiet li ma ngħatawx | Allokazzjoni t $CO_2$ | Kwoti bblokkati f'kontijiet ta' depożitu ta' l-operaturi t $CO_2$ |
| E1 | | | | | | | | | |
| E2 | | | | | | | | | |
| E3 | | | | | | | | | |
| F1 | | | | | | | | | |
| F2 | | | | | | | | | |
| M1 | | | | | | | | | |
| M2 | | | | | | | | | |
| M3 | | | | | | | | | |
| O1 | | | | | | | | | |
| O2 | | | | | | | | | |

([a]) Jekk jogħġbok irreferi għat-Tabella tal-mistoqsija 3.3 għal deskrizzjoni tal-kodiċi ta' l-attivitajiet ta' l-Anness I. Jekk xi installazzjoni twettaq aktar minn attività waħda, għandha tingħadd darba biss skond l-attività ta' l-Anness I prinċipali tagħha."